**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Settembru 2017**

**Kawza Nru.**
**Rikors Nru. 657/2016 JZM**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f`isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc (C65836) u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Agius 2016 li jaqra hekk –

*1. Illi kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok ARMS1 fis-sebgha u ghoxrin (27) ta` Settembru elfejn u erbatax (2014) l-isem tal-kumpannija Show Food Catering Limited bin-numru ta` registrazzjoni C38955 gie mhassar mir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi l-kumpannija rikorrenti saret taf b`dan ricentement.*

*3. Illi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta din il-kumpannija thassret minn fuq ir-registru.*

*4. Illi l-kumpannija rikorrenti hija kreditrici tal-kumpannija Show Food Catering Limited fl-ammont ta` disgha u tletin elf erba` mija u tlieta u disghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€39,493.72) u dan hekk kif jidher fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok ARMS2.*

*5. Illi l-kumpannija Show Food Catering Limited kienet infurmata dwar l-istess tant illi fit-tnax (12) ta` Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kien anke gie ffirmat ftehim dwar kif kellhom isiru l-pagamenti tal-ammont li kien dovut dak iz-zmien, liema ammont huwa issa ferm aktar minn dak indikat fil-ftehim. Kopja ta` liema ftehim huwa anness u markat bhala Dok ARMS3.*

*6. Illi dan ir-rikors huwa minghajr pregudizzju ghal kull dritt u rimedju iehor spettanti lill-kumpannija rikorrenti.*

*Ghaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Joghgobha tordna illi isem il-kumpannija Show Food Catering Limited bin-numru ta` registrazzjoni C38955 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artikolu fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji l-kumpannija Slow Food Catering Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx imhassar.*

*2. Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija Show Food Catering Limited u l-kumpannija esponenti jitqiesu fl-istess posizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar.*

*3. Tordna li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikata jew konsejata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-intimat li kienet prezentata fl-24 ta` Awissu 2016 u li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Slow Food Caterers Limited (C38955) kienet giet registrata fl-20 ta` Gunju 2006.*

*Illi l-kumpannija de quo naqset ghal diversi snin mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini ta` l-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar kontijiet annwali li nbaghtu kienu ghas-sena 2008.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew mexxi negozju ai termini ai termini tal-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi in vista tas-suespost, fil-15 ta` Mejju 2014 u fl-24 ta` Gunju 2014, ir-Registratur tas-Socjetajiet kiteb lill-kumpannija ai termini tal-artikolu 325 tal-At biex javza li l-isem taghha kien ser jithassar minn fuq ir-Registru*

*kemm il-darba ma tintweriex raguni valida biex dan ma jsehhx. Tali ittri gew lura bil-kumment : 'no longer at this address'*

*Illi s-segretarja tal-kumpannija Maria Delli Bovi baghtet korrispondenza fejn allegat illi tpoggiet f` tali kariga minghajr il-kunsens jew l-gharfien taghha. Fl-istess ittra s-segretarja oggezzjonat ghal kwalunkwe tip ta` obbligazzjoni jew responsabilita` lejn il-kumpannija jew lejn terzi.*

*Illi konsegwentement ai termini ta` l-Artikolu 325(2), fis-27 ta` Gunju 2014, ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz fuq il-website mizmuma minnu u f` gazzetta li tohrog ta` kuljum. Peress illi t-terminu ta` tlett xhur previst mil-ligi, la l-kumpannija u l-ebda terza persuna ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom xi interess illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-Registratur tas-Socjetajiet, mexa sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Registru b`effett mis-27 ta` Settembru 2014.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti r-rikorrent kellu zmien kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviz suespost biex jinforma lir-Registratur tas-Socjetajiet dwar xi interess li seta` kellu sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru izda dan baqa` nadempjenti.*

*Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qieghed jibbaza t-talba tieghu biex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru bhala kreditur abbazi tas-subartikolu 4 ta` l-artikolu 325 ta` l-Att. Dan tal-ahhar jipprovdi illi jista` jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 ta` l-istess artikolu jipprovdi illi minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, ir-responsabilita` tal-kumpannija u ta` kull ufficjal u membru taghha ghandha tkompli u tista` tigi inforzata daqs li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma kien thassar minn fuq ir-registru.*

*Illi l-esponent Registratur fil-kaz odjern qieghed joggezzjona illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-Registru. Dan ghaliex jidher bic-car illi m`hemm ebda ufficjal illin jista` jerfa` r-responsabilita` dovuta minnu bhala tali. Ta` min wiehed jinnota ukoll illi l-unika direttrici li kien hemm qabel, Marina Setaro, irrizenjat minn din il-kariga mis-16 ta` Settembru 2009.*

*Illi konsegwentement il-kumpannija tinsab sprovvista minn ufficcju registrat u bl-ebda ufficjali in kariga – elementi sine qua non illi jikkostitwixxu l-pedamenti ta` l-istatut u ta` l-ezistenza tal-kumpannija per se.*

*Illi r-Registratur japprezza illi meta bhal dan il-kaz ikun kreditur illi jkuin qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem tal-kumpannija herga` jitpogga lura fuq ir-registru, dina l-Qorti m`ghandhiex kontroll fuq l-agir tal-kumpannija. Dan ghaliex l-isem tal-kumpannija jkun qieghed jerga` jitpogga fuq ir-registru semplicement ghall-beneficcju tal-kreditur. Ir-Registratur jixtieq umilment jissolleva illi f`hafna kazijiet bhal tal-lum il-kreditur jaghzel li jaghmel rikors il-Qorti sabiex jitqieghed lura fuq ir-registru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpannija ma jkollha ebda assi ta` valur.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi jekk hu possibbli meta tigi biex taghti s-sentenza dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra illi ghandu jinstab bilanc bejn dak li jirrigwarda l-interessi tar-registru pubbliku tal-kumpanniji illi ma jispiccax b`hafna kumpanniji li mhumiex in regola ma` l-Att fuq ir-registru ghal zmien indefinit u minghajr m`ghandhom l-ebda attvita` jew assi u min-naha l-ohra l-kreditur tal-kumpannija in kwistjoni illi l-interess tieghu ikun biss biex zgur ma jitlifx ebda jedd jew drit fuq il-kreditu tieghu.*

*Dan salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2016.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat ir-rikorrenti fl-udjenza tat-30 ta` Marzu 2017.

Semghet ix-xiehda ta` Reuben Bonnici u Av. Dr. Claudette Fenech fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2017, u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-intimat fit-3 ta` Lulju 2017 kif kien dirett jaghmel fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2017.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

### 1. <u>Xiehda</u>

Fid-deposizzjoni taghhom, Rueben Bonnici min-naha tar-rikorrenti u Av. Dr. Claudette Fenech min-naha tal-intimat fis-sostanza ghamlu referenza u kkonfermaw mhux biss il-kontenut tar-rikors promotur u tar-risposta rispettivament izda wkoll id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors u mar-risposta kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati fil-kors tal-kawza.

### 2. <u>Dokumenti</u>

Id-dokumenti esebiti jimmeritaw analizi aktar fil-fond.

Il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk id-dokumenti li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini ta` din l-istanza.

Tibda mid-dokumenti ufficjali aggornati tas-socjeta` koncernata.

Skont il-memorandum li kien iffirmat fl-20 ta` Gunju 2006, il-kumpannija titmexxa minn bord ta` diretturi li huwa kompost minn mhux

anqas minn zewg persuni u mhux aktar minn erbgha. L-ewwel diretturi kienu : a) Michael Vassallo ; b) George Micallef ; u c) Marina Setaro. Is-segretarju kien Michael Vassallo.

Skont il-profit and loss account ghaz-zmien ta` bejn l-20 ta` Gunju 2006 u l-31 ta` Jannar 2017, is-socjeta` kellha cost of sales ta` €5600, profitt ta` €4179 u operating loss ta` €23,431.

Sal-20 ta` Gunju 2007, id-diretturi baqghu l-istess.

Fit-30 ta` Lulju 2007, Marina Setaro irrizenjat minn direttur u minflokha kien mahtur Rag. Fabrizio Aguzzi. Dan tal-ahhar irrizenja minn direttur fit-22 ta` Frar 2008.

B`effett mit-22 ta` Mejju 2008, Michael Vassallo irrizenja minn direttur u minn segretarju, George Micallef irrizenja min direttur, Marina Setaro rega` saret direttur, waqt illi Maria Delli Boni saret segretarju.

Fis-26 ta` Mejju 2008, il-memorandum u l-articles of association inbidlu ghal kollox u kienu sostitwiti. Bidla minnhom kienet illi l-ghadd minimu ta` diretturi biex ikun kostitwit il-bord nizel minn tnejn ghal wiehed. L-unika direttur kienet Marina Setaro, waqt li Maria Delle Bovi baqghet segretarju. Dan l-assett huwa rifless fl-annual return tal-20 ta` Gunju 2008.

Skont l-annual report and financial statements tal-31 ta` Jannar 2008, in partikolari l-profit and loss account, kien hemm cost of sales ta` €58,133, gross profit ta` €52,532 u operating loss ta` €51,188.

B`effett mis-16 ta` Settembru 2009, Marina Setaro irrizenjat minn direttur.

Il-kumpannija baqghet bla diretturi wara s-16 ta` Settembru 2009.

Huma esebiti d-dokumenti relatati mal-procedura ta` thassir, mnejn jirrizulta li l-procedura kienet kondotta korrettement mill-intimat.

Jirrizulta li r-rikorrenti huma kredituri. Id-dokumenti esebiti jikkorraboraw d-deposizzjoni ta` Rueben Bonnici. Il-ftehim dwar il-hlas bin-nifs sar mal-kumpannija mhux mal-azzjonisti u/jew id-diretturi taghha de proprio.

Ma jirrizultax illi l-kumpannija kellha assi ta` xi xorta jew natura fid-data tat-thassir.

Jirrizulta biss dejn.

## III. L-Art 325 tal-Kap 386

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli.**

**L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija de qua abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli.**

**Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem tal-kumpannija jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4).**

**Ma jidhirx illi s-subartikoli l-ohra jghoddu tal-lum.**

**Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih, u sejra tissenjala – in bold u b`sottolinear – dawk il-partijiet tas-subartikolu (4) li huma vitali ghall-kwistjoni tal-lum.**

**Wara taghmel l-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista' jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew **kreditur tal-kumpannija**, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, **il-Qorti**, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, **qabel ma jghaddu hames snin** mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), **tista'**, **jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq** li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-*

*registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl- Ordinanza.*

**IV. <u>Is-subartikolu (4)</u>**

**Mis-subartikolu (4), il-Qorti sejra tindika dawk l-elementi li huma rilevanti <u>ghall-vertenza tal-lum</u> :-**

**a) Illi min jagixxi jkun kreditur tal-kumpannija :**

Jirrizulta li r-rikorrenti huma kredituri tal-kumpannija.

**b) Illi r-rikors ikun prezentat qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir :**

Hekk jirrizulta li ghamlu r-rikorrenti.

**c) Illi l-isem tal-kumpannija jista` jerga` jidhol fir-registru jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir hekk.**

**Il-Qorti sejra tissofferma fuq dan tal-ahhar.**

## V. <u>L-uzu tad-diskrezzjoni</u>

Il-kliem illi l-Qorti *tista` ... jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq* fis-subartikolu (4) ifisser illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni li l-esercizzju taghha irid ikun dettat mill-fatti u mic-cirkostanzi tal-kaz.

Dan qed jinghad ghaliex kull kaz ghandu jitqies fuq l-istorja partikolari tieghu. Altrimenti l-Qorti tkun qeghda sservi biss ta` *rubber stamp* li huwa proprju dak li ma riedx il-legislatur bl-uzu tal-kliem adoperat fis-subartikolu (4).

Tajjeb li l-partijiet jifhmu x`ezattament tfisser id-diskrezzjoni.

Il-mod kif titwettaq id-diskrezzjoni huwa dettat mill-konfini tad-dritt u tal-gustizzja, dejjem abbazi tal-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz. Meta jsir hekk, l-esercizzju tad-diskrezzjoni qatt ma jkun arbitrarju.

Fil-ktieb tieghu : **<u>Judicial Discretion</u>** : 1989 : **<u>Aharon Barak</u>** : li bejn l-1995 u l-2006 kien il-President tal-Qorti Suprema ta` Israel : ighid hekk :

*Judicial discretion ... is ... a legal condition in which the judge has the freedom to choose among a number of options.*

*Where judicial discretion exists, it is as though the law were saying : I have determined the contents of the legal norm up to this point. From here on, it is you, the judge, to determine the contents of the legal norm for I, the legal system, am not able to tell you which solution to choose.*

*It is as though the path of the law came to a junction, and the judge must decide – with no clear and precise standard to guide him – which road to take.*

## VI. <u>Ir-risultanzi tal-kaz tal-lum</u>

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi kien **<u>unikament</u>** minhabba l-inadempjenzi tal-kumpannija Slow Food Caterers Limited illi l-intimat, fl-ambitu tas-setghat li ghandu bis-sahha tal-Kap 386, ha l-passi kontemplati mil-ligi ghat-thassir tal-isem ta` l-kumpannija minn fuq ir-registru skont is-subartikolu (1) tal-Art 325. Fil-fatt irrizulta illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325. U ghaliex il-kumpannija xorta wahda baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem mir-registru skond l-istess subartikolu (2) tal-Art.325. Il-Qorti tghid illi kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha, u sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-azzjonijiet kollha li ha l-intimat, mill-bidu sal-ahhar, fir-rigward tal-kumpannija de qua kienu ben motivati fil-kwadru ta` li tipprovdi l-ligi.

Riferibbilment ghal dak li rrimarka l-intimat fir-risposta tieghu dwar l-azzjoni tar-rikorrenti, il-Qorti tirrileva illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-intimat ma jipprocedix bit-thassir tal-isem. Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar. Il-Qorti tirrileva wkoll illi t-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325. Ghalhekk fil-kaz tal-lum ir-rikorrenti bhala kredituri m`ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325. Allura fil-kaz tar-rikorrenti d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat fil-konfront taghhom. Dment illi l-kredituri – u del resto l-persuni l-ohra li jissemmew fis-subartikolu (4) – jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru. Il-Qorti tishaq illi s-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

**Fil-kaz tal-lum irrizulta li r-rikorrenti huma kredituri u hadu azzjoni skont is-subartikolu (4) fi zmien hames snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta` l-avviz ta` thassir.**

**Fil-kaz taht ezami, id-diffikulta` hija ohra :**

**ghamlu r-rikorrenti l-prova ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi jkun xieraq illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru ?**

**Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi din il-prova ma saritx.**

**Riferibbilment ghas-sottomissjonijiet li ghamlet l-abbli difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2017, il-Qorti tghid illi l-fatt illi r-rikorrenti ghandhom kreditu sostanzjali kontra l-kumpannija de qua mhux bizzejjed sabiex il-qorti takkorda t-talba.**

**Tghid dan ghaliex mill-provi rrizulta minghajr l-icken dubju illi jkun proprju ghal xejn jekk il-qorti tqieghed lura l-isem fuq ir-registru. Irrizulta illi qabel thassar l-isem, il-kumpannija kienet ilha bla diretturi sa mis-16 ta` Settembru 2009. L-isem thassar fis-27 ta` Settembru 2014. Dan ikompli jfisser illi jekk l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fir-registru, il-prospetti li jinhatru diretturi huma kwazi inesistenti, proprju ghaliex huwa evidenti illi hadd mill-azzjonisti m`ghandu l-icken interess illi jappunta persuni bhala diretturi biex imexxu negozju li ma jezistix ghaliex snin ilu l-kumpannija abbandunat in-negozju taghha u l-ghanijiet li ghalih kienet ikkostitwita. Fi kwalunkwe kaz, ikun virtwalment impossibbli li jinstabu persuni li jaccettaw li joqghodu bhala diretturi biex jaffrontaw id-dejn ta` l-kumpannija.**

**Tajjeb jinghad illi apparti li m`ghandhiex diretturi, is-socjeta` ilha s-snin li waqfet min-negozju taghha, m`ghandhiex indirizz registrat, kellha biss segretarju li stqarret illi spiccat involuta fil-kumpannija ad insaputa taghha u minghajr il-kunsens taghha, ilha ma tipprezenta financial statements mill-2008, fit-tliet snin li ghamlet negozju ghamlet biss dejn, u fuq kollox m`ghandhiex assi ta` xejn.**

**Il-Qorti terga` tistaqsi :**

**fl-isfond ta` dan l-istat ta` telqa shiha, xi skop ikun hemm li l-isem imur lura fir-registru jekk il-prospetti li r-rikorrenti jigbru l-kreditu taghhom huma xejn ladarba s-socjeta` la kellha assi u lanqas negozju ?**

**Il-Qorti tghid illi ma jkunx xieraq illi l-isem tal-kumpannija jmur lura fir-registru. Minn naha l-wahda ghaliex ir-rikorrenti ma sejrin jigbru xejn mill-kreditu taghhom minghand il-kumpannija ghar-ragunijiet diga` spjegati. Min-naha l-ohra ghaliex bid-dhul lura tal-isem fir-registru l-intimat se jsib ruhu rinfaccjat b`mina vaganti ghaliex l-inadempjenzi li taw lok sabiex l-isem jithassar se jissoktaw bla kontroll effettiv wara li l-isem jerga` jidhol fir-registru. Kien ghalhekk li l-intimat irregistra l-opposizzjoni tieghu li l-isem jerga` jidhol fir-registru.**

**Il-Qorti mhijiex sejra tippermetti illi bid-dhul lura tal-isem fir-registru jkompli jkun hemm stat ta` illegalita` min-naha tal-kumpannija de qua bil-ksur flagranti tad-disposizzjonijiet l-aktar sostanzjali tal-Kap 386.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**